## Id-Djarju tal-Parroċċa – Ġunju 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 7 ta' Ġunju | **Festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu**<br>Fil-5:00pm - Adorazzjoni.<br>Fis-6:00pm - Quddiesa solenni bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'*.<br>Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina. |
| Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju | **Il-Qalb ta' Ġesù** - *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, it-tfal tad-Duttrina u l-Abbatini, li tagħlaq bil-Barka Sagramentali<br>Fis-6:30pm - Quddiesa |
| Is-Sibt 13 ta' Ġunju | *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*<br>Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fid-9:00pm sal-11:00pm - Quddiesa u Adorazzjoni għall-qdusija tal-kleru. |
| Il-Ħadd 14 ta' Ġunju | **Festa tal-Qalb ta' Ġesù** - *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*<br>Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali<br>Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor 'Sine Macula'<br>Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* animata mill-Kor 'Sine Macula'<br>Fis-6:45pm - *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. |
| Is-Sibt 20 ta' Ġunju | *Anniversarju Saċerdotali:*<br>Kan. Louis Farrugia – 12-il sena (2003)<br>Kan. Ivan Scicluna – 12-il sena (2003) |
| Il-Ħadd 21 ta' Ġunju | Jum il-Missier<br>Fis-7:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(Ma ssirx fil-knisja)* |
| Il-Ħamis 25 ta' Ġunju | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| It-Tnejn 29 ta' Ġunju | **Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**<br>*Anniversarju Saċerdotali:*<br>Dun David Farrugia (Kappillan) – 11-il sena (2004) |
| Mit-Tnejn 29 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 3 ta' Lulju | **Ġimgħa ta' Tagħlim**<br>fil-bitħa tal-Museum tas-Subien. |

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## ARA VERU FDATI TA'!
## "Dan hu Ġismi ... dan hu Demmi ..."

Bil-kliem biss ma ngħixux. U dan nafuh tajjeb għax ħafna drabi waqt li nkunu qed nagħmlu xi ħaġa rridu nieqfu ngermu dik ix-xi ħaġa wkoll, għax inkella malajr nisimgħu żaqqna tgerger bil-ġuħ. U matul dan ix-xahar, aħna l-insara mistiedna biex niskopru u niġġeddu fil-qawwa tal-ikel li l-Mulej għoġbu jagħtina u xtaqna li nibqgħu niftakru u niċċelebrawh: l-Ikla Ewkaristika. Għalkemm f'Ħamis ix-Xirka niċċelebraw t-tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija Mqaddsa, f'dan ix-xahar ta' Ġunju, il-Liturġija tal-Knisja tistedinna biex waqt li nerġgħu niffukaw fuq il-preżenza u l-ħidma tagħna bħala nsara fil-ħajja ta' kuljum, fis-soċjetà u fid-dinja li qed ngħixu fiha, tinkuraġġina wkoll biex nagħrfu x'inhu dak li għandu jagħtina biżżejjed saħħa u jsostnina. U proprju l-festi ta' Corpus Christi u tal-Qalb ta' Ġesù għandhom dan il-għan.

***Nibnu ħajjitna b'Ġesù Ewkaristija***

Fil-Kurat ta' Ars, San Ġwann Marija Vianney, mill-ewwel jispikka l-fatt li ħajtu u s-saċerdozju tiegħu kienu kollha kemm huma bbażati fuq Ġesù Ewkaristija. Imma forsi hawn min jgħid li dan il-fatt hu dovut għax kien qassis, jew għax kien qed jgħix fi żmien ieħor, mhux bħalna llum fejn ma nistgħux inlaħħqu. Biss min jaħseb hekk hu tassew żbaljat, għax hu għex proprju fiż-żmien ta' wara r-rivoluzzjoni Franċiża, meta mhux biss kien hemm apatija lejn il-Knisja ġewwa Franza, imma saħansitra inġustizzja sħiħa murija lis-saċerdoti b'riżultat ta' ħafna bruda u telqa f'diversi parroċċi. Ir-raħal ta' Ars kien proprju wieħed minn dawn il-parroċċi, imma bil-preżenza, bis-sempliċità u bid-determinazzjoni, u fuq kollox bit-talb, dan is-saċerdot umli u fraġli rnexxielu jegħleb it-tfixkil tax-xitan u jqanqal ħafna erwieħ lejn Kristu, tant li Ars sar ir-raħal li jiġbed ħafna pellegrini li jixtiequ jiskopru mill-ġdid lil Alla u jagħtu qima lil dan is-saċerdot qaddis li poġġa l-fiduċja tiegħu fit-talb u fl-adorazzjoni Ewkaristika. Hu għalhekk li l-Papa Benedittu XVI ippreżentah bħala l-mudell ta' kull saċerdot u sejjaħ lil kull nisrani biex jitgħallem mill-eżempji tiegħu.

Għalhekk ippermettuli nistaqsi: Kemm għadna nersqu lejn Ġesù Ewkaristija biex nitolbuh, niċċelebrawh, u nirċevuh? Kemm għadna nitħeġġu u nħeġġu, b'mod speċjali lit-tfal tagħna, anke lil dawk tal-Ewwel Tqarbina, biex mhux biss il-Ħadd – li ukoll hawn min qed jara żejda – imma saħansitra nippruvaw li kuljum nersqu biex nirċevuh? Le mhux ħin moħli, u lanqas fissazzjoni, imma konvinzjoi li Alla jafdana tassew u jridna ngħixu biH. Għalhekk ħudu ċ-ċans dan ix-xahar billi timpenjaw aktar ruħkom għall-quddiesa u għal ħin ta' adorazzjoni, speċjalment fil-jiem tal-Kwaranturi, jiġifieri siegħat ta' adorazzjoni u purċissjoni b'mod l-aktar solenni mat-toroq tar-raħal tagħna. Kemm nixtieq li n-nies jifhmu li meta jkun għaddej Ġesù Sagramentat nieqfu u nsellmulu bid-devozzjoni!

***Nitgħallmu nħobbu bħalma wriena Ġesù fl-Ewkaristija***

Il-qawwa li tagħtina l-Ewkaristija nistgħu ngħidu li tikkonsisti fil-fatt li biha aħna noħorġu

*ikompli f'paġna 2*

mill-kriżi tal-imħabba li tiżviluppa minħabba l-mentalità individwalista u nitgħallmu nħobbu u nħennu kif Kristu għallimna. B'hekk il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, li kien hu stess li riedha tkun iċċelebrata hekk kif kien stqarr mas-soru qaddisa, Santa Margarita Marija Alaquoque, mhux biss irridu nifhmuha bħala att ta' tpattija għall-offiżi li kontinwment jirċievi minħabba l-vizzju misħut tad-dagħa u l-kliem goff u ħażin, imma anke bħala skola ta' kif qalbna issir tixbaħ lill-qalb tiegħU f'dawk li huma: l-imħabba tal-aħwa, il-maħfra, l-umiltà, il-ħlewwa, u s-sabar. Kristu kontinwament jistedinna biex nmorru għandu, ħalli Hu jkun jista' jgħammar u jidher fina, speċjalment bl-opri tal-ħniena mal-bnedmin ta' madwarna.

Dan kollu jurina li aħna l-insara verament ixxurtjati li għandna Sagrament speċjali li permezz tiegħu Ġesù baqa' magħna fl-Ewkaristija u hekk nistgħu niltaqgħu miegħU personalment, nitkellmu miegħU u niftħu qalbna miegħU u għaliH. InfittxuH kull x'ħin irridu u nsibuH dispost jismagħna u jkabbarna.

***Dun David Farrugia***



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Thomas Sant



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Mark Abela u Tiffany Abdilla

**IEQAF u AĦSEB**

# IL-KWARANTURI: Imma dawn x'ikunu?

*Xi tfisser il-Kelma 'Kwaranturi' u għal xiex tirreferi?*

Din ġejja mill-kelma '*Quarant' Ore*' jew '*Quarantore*' li tfisser 40 siegħa u tirreferi għaż-żmien - kważi jumejn sħaħ - ta' adorazzjoni kontinwa li ssir fil-knisja quddiem Ġesù Sagramentat. Fi żmienna, din tista' titqassam fuq bażi ta' 3 ijiem li, bejn wieħed u ieħor, il-ħin għall-adorazzjoni jkun jammonta għal dawn is-siegħat.

*Meta bdew u kif komplew żviluppaw il-Kwaranturi?*

Seklu XII: Ġewwa belt jisimha Zara, fid-Dalmazja (illum Kroazja), jidher li diġà kienu jeżistu xi forma ta' 40 siegħa ta' adorazzjoni u dawn kienu marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa, iġifieri quddiem l-altar magħruf bħala s-Sepulkru, fejn it-tradizzjoni turina li dawn l-40 siegħa kienu jirriflettu il-ħin ta' kemm dam il-Ġisem ta' Ġesù fil-qabar, u eventwalment ta' kemm kien idum is-Sagrament fis-Sepulkru, speċjalment fil-Medjuevu.

1527: Don Antonio Bellotto, qassis minn Ravenna, waqt xi priedki li kien qed jagħmel fil-Knisja tas-Santu Sepulkru ġewwa Milan beda jħeġġeġ lin-nies biex jagħmlu 40 siegħa ma taqta' xejn quddiem Ġesù Sagramentat anke f'jiem differenti minn dawk tal-Ġimgħa Mqaddsa. Infatti bdew isiru f'diversi żminijiet: f'Għid il-Ħamsin, f'Santa Marija, fil-Milied, u fil-Karnival.





1529: Bit-tħabrik ta' Tumas ta' Nieto, missjunarju Spanjol, il-Kwaranturi bdew isiru fid-Duomo (iġifieri fil-Katidral) ta' Milan u fi żmien tassew qasir bdew isiru fid-djoċesi kollha ta' Milan.

1537: Kapuċċin Ġużeppi Plantida minn Fermo daħħal id-drawwa li malli jispiċċaw fi knisja, il-Kwaranturi jibdew fi knisja oħra.

1539: Papa Pawlu III ta l-approvazzjoni u l-barka tiegħu lil din id-drawwa li kienet sabet inkuraġġiment mill-Vigarju Ġenerali ta' Milan, u eventwalment jidher li fl-1565, San Karlu Borromeo, l-Isqof ta' Milan, organizzahom b'mod aktar stabbli.

1550: San Filippu Neri daħħal din id-drawwa anke f'Ruma.

1553: Sant' Injazju ta' Loyola u s-Soċjetà li waqqaf, il-Ġiżwiti, saru ukoll promoturi kbar tagħha u xerrdu din id-devozzjoni mal-Ewropa kollha.

1592: Papa Klement VIII organizzahom b'mod li f'Ruma it-talb quddiem Ġesù Sagramentat ma kienx jaqta' u xtaq li d-djoċesijiet l-oħra jagħmlu xi ħaġa simili.



1620: L-ewwel darba li jissemmew f'Malta, kien mill-Isqof Cagliares fejn jesprimi r-rieda tiegħu li din id-drawwa tibda wkoll f'pajjiżna.

1664: Fid-9 ta' Lulju, il-Granmastru Nikol Cottoner, flimkien mal-Kunsill tal-Istat, iddeċieda li l-Ordni ta' San Ġwann stess jibda jiċċelebra l-Kwaranturi fil-Knisja Konventwali tagħhom.

Illum: Bosta Parroċċi jorganizzaw il-kwaranturi b'rabta mal-:

i. Festi tal-Milied – bejn il-Milied u l-Epifanija;
ii. Ġimgħa Mqaddsa – bejn Ħadd il-Palm u t-Tridu tal-Għid;
iii. Corpus Domini u l-Qalb ta' Ġesù.

*X'inhu l-iskop tagħhom?*

Għall-bidu l-iskop ta' din l-adorazzjoni kien bħala Riparazzjoni – tpattija għan-nuqqasijiet – u Talb kontra l-Gwerra u l-Għedewwa tal-Insara.

Il-Papa Klement VIII inkoraġġixxa ħafna it-Talb għall-Bżonnijiet tal-Knisja.

Aktar tard l-iskop sar aktar biex aħna bħala Nsara nagħrfu il-Preżenza Reali ta' Ġesù Kristu fl-Ewkaristija u ningħaqdu qalb waħda bejnietna flimkien miegħU.